## KUNSILL LOKALI MTARFA

---

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 24 – IL-ĦAMIS 21 TA' AWWISSU 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-8:30pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (marid) |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 23

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE għamlet riferenza għal para. 2.1, fir-rigward tal-bosk. Hija ikkonfermat li kif kien miftihem bejn il-Kunsilliera kollha, id-data tal-iskadenza tal-offerta tal-bosk kienet ġiet estiża għall-1 ta' Settembru. Is-SE infurmat li sal-ġurnata l-offerta kienet inxtrat minn ħames kuntratturi.

2.2 Is-SE infurmat li dwar para. 2.4, l-Awtorità tad-Djar kienet tat permess lill-Kunsill biex iwaqqa' l-kamra li hemm fl-isqaq filwaqt li infurmat ukoll li ma kinux lesti jagħmlu l-pavimentar tal-passaġġ. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ offerta sabiex jara kemm jiswa dan ix-xogħol u fl-eventwalità li jkun possibbli, jidħol għal dan ix-xogħol hu.

2.3 Is-SE infurmat li wara s-sebat ijiem minn meta ngħata d-default notice, il-kuntrattur tal-knis kien fadallu ż-żona ta' Triq ir-Razzett l-Aħmar kollha bil-ħaxix u għaldaqstant, hekk kif kien deċiż fil-Kunsill waqt l-aħħar laqgħa, kienet inħarġet ittra ta' terminazzjoni tax-xogħol. L-aħħar ġurnata ta' xogħol ta' dan il-kuntrattur kellha tkun l-Erbgħa 10 ta' Settembru 2014. Is-SE infurmat li kienet se ġġib xi kwotazzjonijiet għal servizz ta' knis biex ix-xogħol tal-indafa jibqa' għaddej.

2.4 Is-SE infurmat li sadanittant kien inħareġ l-avviż fuq il-gazzetti għall-offerta tal-knis u t-tindif tat-toroq. Din kienet tagħlaq nhar il-15 ta' Settembru. Kif deċiż mill-Kunsill

kienet iddaħlet ukoll klawsola għal kwotazzjoni apparti sabiex isir tindif ta' *dog park* għal meta l-Kunsill eventwalment ikollu wieħed.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tikteb lill-amministratur ta' Binja Buqana sabiex tivverifika jekk hemmx xi pjanti li juru x'kien hemm taħt il-bankina fi Triq it-Torri tal-Arloġġ.

3.2 Is-Sindku informa li skont kif miftihem kien qed jaħdem sabiex tiġi organizzata ġurnata Għawdex għall-anzjani (60+). Id-data se tkun is-16 ta' Settembru.

3.3 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-Kurja fejn dawn kienu qablu fuq il-kunċett li tiġi mnaddfa u rranġata l-art li hija proprjetà tal-Knisja iżda li probabbilment ma kinux se jaqblu li jsir parkeġġ. Min-naħa l-oħra huma kienu infurmaw li xtaqu aktar dettalji u aktar laqgħat biex din tiġi deċiża

3.4 Is-Sindku informa li kien għaddej b'kommunikazzjoni ma' għaqda mill-Iżvezja sabiex isir skambju ta' żgħażagħ fl-2015. Huwa ikkonferma li l-Kunsill ma kellux jidħol fi spejjeż għaliex jiġi kollox kopert mill-UE. Għal dan l-iskambju setgħu jattendu 20 żgħażugħ/a.

3.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand l-uffiċċju tal-ismijiet tat-toroq dwar jekk il-Kunsill jaqbilx mas-suġġeriment tagħhom li tingħata isem it-trejqa li hemm quddiem Binja Qlejgħa (in-naħa ta' faċċata tal-iskola primarja). Il-Kunsill ma jsirx oġġezzjoni u kemm-il darba r-residenti jaqblu ma' dan, huma kienu qed jissuġġerixxu li din it-triq tissemma' Triq il-Militar.

3.6 Is-SE infurmat li kienet waslet talba mingħand l-Imtarfa Scouts għal tpoġġija ta' *sleeping policeman* fi Triq l-Anzjani. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba għal 4 sleeping policemen, tnejn tnejn fi spazju ristrett minħabba l-affluss ta' tfal li jaqsmu f'din iż-żona. Kien hemm qbil ukoll li din it-triq għandha ssir fuq direzzjoni unika. Is-SE għandha tibgħat it-talba lil Transport Malta.

3.7 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8:30pm.

3.8 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandu jsir poġġaman mat-taraġ fil-viċin kif ukoll jitwal id-*double yellow line* sabiex ikun hemm aċċess aħjar.

3.9 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Military Vehicles Collectors Club* fejn dawn talbu li jingħataw lok fejn jiltaqgħ ġewwa l-Imtarfa. Huma kienu infurmawhom li għalkemm m'għandhom ebda post li jistgħu jwegħduhom, kienu se jżommuhom f'moħħhom għal meta jkun hemm opportunità min-naħa tal-Awtorità tad-Djar jew tal-Gvern Ċentrali.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Lulju 2014.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY FINANCIAL REPORT* (APRIL-ĠUNJU)

5.1 Hawnhekk l-*accountant* tal-Kunsill ta spjega lill-Kunsill dwar l-andament finanzjarju tal-Kunsill matul dawn it-tlett xhur fejn ikkonferma li l-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

5.2 Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u mis-SE. Kopja tar-rapport qegħda mehmuża.

## 6. IL-PROĠETT TAL-BOSK

6.1 Is-SE infurmat li kienet diġà tat id-dettalji kollha dwar dan il-proġett fil-punti mill-minuti.

## 7. MILITARY MTARFA 2014

7.1 Is-Sindku informa li kienu bdew isiru l-laqgħat tas-sottokumitat fir-rigward tal-attività ta' Military Mtarfa. S'issa l-pjan kien li jkun hemm taħdita interattiva, banda, tours kulturali madwar il-lokalità, ftuħ tal-kamra mortwarja, kostruzzjoni tal-ajruplan tal-kartun, abseiling mill-armata, re-enactments, wirjiet fuq barra u fuq ġewwa, artisti jpinġu, filmati fis-sala kif ukoll possibbilment il-ftuħ ta' xelter. Il-Kunsill qabel ma' dan kollu.

7.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jinħarġu offerti pubbliċi għal banda, *re-enactment, bar* u mejda għall-ikel malti.

7.3 Is-SE infurmat ukoll li Multi-Packaging Ltd ġentilment kienet qed toffri wkoll li tħallas l-€185 għall-applikazzjoni għall-Malta Records biex jiġġudikaw il-kostruzzjoni tal-akbar mudell ta' ajruplan magħmul mill-kartun. Multi-Packaging Ltd kienet ukoll se tipprovdi l-kartun kollu bħas-sena ta' qabel.

## 8. IL-BANDLI TAL-IMTARFA

8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-Perit Anton Camilleri fir-rigward tal-proġett tal-bandli fejn dan kien qed jitlob lill-Kunsill sabiex jidħol għall-ispejjeż tal-*maintenance agreements* tal-kuntratti li ngħataw. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill m'għandux biżżejjed flus biex ikun jista' jieħdu ħsieb dawn il-*maintenance agreements*.

## 9. PUNTI OĦRA

9.1 Is-Sindku informa li uħud mill-planters bejn l-*ex barracks* kienu bdew jiżżaqqu minħabba l-għeruq tas-siġar. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkomunika mal-Perit u mal-kuntrattur tas-*soft areas* biex eventwalment jinbidlu s-siġar u jerġgħu jinbnew il-*planters* mill-ġdid.

9.2 Il-Kunsillier Fenech talab li jiġi organizzat il-parkeġġ viċin Binja Tal-Marġ fi Triq Sir Leslie Rundle.

9.3 Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech li jiġi rranġat il-konkos fi Triq in-Narċis.

9.4 Il-Kunsillier Fenech talab li tiġi rranġata r-rampa tal-parkeġġ li tagħti għal Binja Qlejgħa.

9.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li ġibdulu l-attenzjoni li xi ħadd mhux magħruf qed iħammeġ il-gutter tal-ilma f'waħda mill-mini ta' Triq il-Gladjoli. Is-SE infurmat li diġà kienet kellmet xi residenti dwar dan l-ilment u mhux tara soluzzjoni ħlief li jinqabad dan il-proxxmu. Il-Kunsill qabel.

9.6 Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku li jitpoġġew żewġ bankijiet fil-parti ta' bejn Angelo Store u l-Istationery fit-*Town Centre*.

9.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar il-bandli l-qodma li kienu nqalgħu, is-SE infurmatu li riċentament kienet qed tagħmel żjara fejn kienu tpoġġew u deher li dawn kienu insterqu.

9.8 Il-Viċi Sindku informa li jidhirlu li l-livell tal-kanal ta' Triq il-Kavallier Bonello fit-tundjatura ta' fuq ma ġiex fond biżżejjed.

## 10. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-9:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 18 ta' Settembru fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |